## Il-Ħadd, 20 ta' Settembru 2020

Ġesù qal: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed sid li ħareġ kmieni filgħodu biex isib nies tax-xogħol u jħaddimhom fl-għalqa tiegħu ... Għal fil-għaxija mbagħad qal lill-prokuratur: 'Sejjaħ lill-ħaddiema u ħallashom, ibda minn dawk li ġew l-aħħar u spiċċa b'dawk tal-ewwel.' Ġew dawk li daħlu għax-xogħol fil-ħdax-il siegħa u ħadu dinar kull wieħed. Ġew tal-ewwel, u stennew li kienu se jirċievu iktar, iżda huma wkoll ħadu dinar kull wieħed. Huma u jitħallsu qabdu jgemgmu kontra s-sid u jgħidu: 'Dawn tal-aħħar siegħa waħda għamlu, u int qisthom bħalna!'"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 20, versi 1. 8-12***



"B'dil-parabbola Ġesù jrid jiftħilna qlubna għal-loġika tal-imħabba tal-Missier, li hi gratwita u ġeneruża. Ifisser li nħallu l-ħsibijiet u t-toroq t'Alla jsaħħruna ... Il-ħsibijiet umani spiss huma mmarkati bl-egoiżmu u l-vantaġġ personali, u t-toroq dojoq u l-mogħdijiet imħarbta tagħna ma jistgħux jitqabblu mat-toroq wesgħin u dritti tal-Mulej. Hu juża l-ħniena; jaħfer bil-bosta, mimli bil-ġenerożità u t-tjubija li jxerred fuqna lkoll; jiftaħ it-territorji bla tarf ta' mħabbtu u tal-grazzja tiegħu, li huma biss jistgħu jagħtu l-milja sħiħa tal-ferħ lill-qalb tal-bniedem."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 24 Settembru 2017

# Territorji bla tarf

*Naċċetta jien*
*li Alla*
*jkun Alla*
*li ma jagħmel*
*l-ebda tarf*
*għal imħabbtu?*

*Kemm*
*qed infittex*
*li nixbhu xi ftit?*

Inti tibqa' dejjem tgħaġġibna, Mulej,
bil-mod ta' kif tirraġuna,
bil-mod ta' kif iġġib ruħek,
bil-mod ta' kif tħobb!
Inti ma tafx b'kejl,
b'ġustizzja,
bi ħlas,
kif soltu nifhmuhom aħna l-bnedmin.
Għalhekk,
lilna li l-ħin kollu nkejlu u nqabblu,
lilna li l-ħin kollu niġbdu biss lejna nfusna,
agħtina li niddakkru xi ftit iktar
minnek,
mill-mentalità li Inti għandek,
mill-imġiba tiegħek,
minn imħabbtek.

## It-Tnejn, 21 ta' Settembru 2020

Ġesù qal lill-folla:
"Ħadd ma jixgħel musbieħ
u jgħattih b'għatu
jew iqiegħdu taħt sodda,
imma jqiegħdu fuq l-imnara,
biex kull min jidħol ġewwa
jara d-dawl.
Għax ma hemm xejn moħbi
li ma għadx jidher,
u xejn ma hemm mistur
li ma għadx jingħaraf
u jinġieb għad-dawl.
Mela oqogħdu attenti
kif tisimgħu!
Għax min għandu, jingħatalu;
u min ma għandux, jitteħidlu
saħansitra dak li jaħseb li għandu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 8, versi 16-18***



"Il-miżien tal-Mulej hu differenti minn tagħna. Lill-persuni u l-ġesti tagħhom jiżinhom b'mod differenti: Alla ma jiżinx il-kwantità imma l-kwalità, jifli bir-reqqa l-qalb, iħares lejn is-safa tal-intenzjonijiet. Dan ifisser li l-għoti tagħna lil Alla bit-talb u l-għoti lill-oħrajn għandu dejjem jaħrab mir-ritwaliżmu u l-formaliżmu, kif ukoll mil-loġika tal-kalkoli, u għandu jkun stqarrija ta' gratwità, kif għamel Ġesù magħna: salvana gratwitament, ma ġagħalniex inħallsu għall-fidwa. U aħna għandna nagħmlu kollox b'espressjoni ta' din il-gratwità."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 11 Novembru 2018

*Liema huma*
*l-kriterji*
*li bihom*
*ngħix ħajti?*

*X'jinteressani*
*l-iżjed:*
*il-kejl tan-nies*
*jew*
*il-kejl ta' Alla?*

# Il-miżien ta' Alla

Li ħajjitna tkun għotja sabiħa lil Alla
ma tiddependix, Mulej,
minn kemm nagħmlu affarijiet kbar,
minn kemm nirnexxu f'dak li nagħmlu,
minn kemm ifaħħruna għal dak li nwettqu;
tiddependi minn kemm qalbna tfittxU,
minn kemm qalbna tistrieħ fuqU,
minn kemm tagħtiH l-ewwel post,
minn kemm tippermettilU jkun
il-kollox tagħha.
Għax lil Alla tiegħek
hija l-qalb tagħna li tinteressaH;
huwa dak li jiġri fiha li jiżen.
Ħudilna ħsieb tal-qalb tagħna, Mulej.
Saffihielna dejjem iżjed
ħalli ssir qalb li ma togħġobx ħlief lilU.

## It-Tlieta, 22 ta' Settembru 2020

Ġew
għal Ġesù
ommu u ħutu,
iżda ma setgħux jersqu lejh
minħabba
l-folla.
Xi ħadd qallu:
"Ommok
u ħutek
qegħdin hawn barra
u jridu jarawk."
Iżda hu weġibhom:
"Ommi u ħuti
huma dawk
li jisimgħu l-kelma ta' Alla
u jagħmlu
li jgħid Hu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 8, versi 19-21***



"Aħna nistgħu nkunu dixxipli,
nistgħu nkunu ħbieb,
imma li nkunu familjari
hija xi ħaġa iktar.
Hemm qabża ta' kwalità
jekk wieħed jerġa' jaħseb
fuq l-ewwel kmandament
li rċevejna fil-persuna ta' missierna
Abraham, jiġifieri, li wieħed jimxi
fil-preżenza ta' Alla.
Illum dan il-kmandament kiber
u sar iktar wiesgħa. Ġesù jgħidli:
'Isma' l-kelma ta' Alla; agħmilha
fil-prattika, u hekk tkun il-familja
tiegħi, ikollok familjarità miegħi."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 26 Settembru 2017

*Li nkun*
*ta' ġewwa*
*ma' Kristu*
*tinteressani?*

*X'qed nagħmel*
*biex din*
*issir realtà fija?*

# Li tkun ta' ġewwa

Ma rridx, Mulej, inqis lili nnifsi
bħala ta' ġewwa miegħek
għax għandi ismi mniżżel
fir-reġistru tal-Magħmudija,
imma għax qed nipprova ngħixha
l-Magħmudija li rċevejt.
Ma rridx insejjaħ lili nnifsi ta' ġewwa miegħek
għax l-affarijiet tal-knisja jogħġbuni,
imma għax l-affarijiet tal-knisja
huma l-affarijiet tiegħek
li jien irrid nidħol fihom b'ruħi u ġismi
biex tidħol fija l-preżenza ħajja tiegħek.
Ma rridx inkun ta' ġewwa miegħek
għax minix nieqes milli nisma' l-Kelma tiegħek,
imma għax bil-grazzja tiegħek
nara li din issir realtà fija.

## L-Erbgħa, 23 ta' Settembru 2020

Ġesù sejjaħ lit-Tnax madwaru u tahom qawwa u setgħa fuq ix-xjaten kollha u li jfejqu l-mard. U bagħathom ixandru s-Saltna ta' Alla u jfejqu l-morda. U qalilhom: "Tieħdu xejn magħkom għat-triq, la ħatar, la ħorġa, la ħobż u lanqas flus, u lanqas ma jkollkom żewġ ilbiesi. Jekk tidħlu f'xi dar, ibqgħu hemm sa ma tiġu biex titilqu. Jekk ma jilqgħukomx, oħorġu minn dik il-belt u farfru sa t-trab tagħha minn ma' riġlejkom bħala xhieda kontrihom."
Ħarġu, mela, u bdew iduru l-irħula jxandru l-Evanġelju u jfejqu l-morda kullimkien.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 9, versi 1-6***



"Jekk xi ħadd li jkun mibgħut ikollu mnieħru mxammar għax jaħseb li hu superjuri għall-oħrajn jew ifittex xi nteress uman, dan ma jfejjaq qatt lil ħadd, ma jirnexxilux jiftaħ il-qalb ta' ħadd, għax il-kelma tiegħu ma jkollix awtorità. Id-dixxiplu jkollu awtorità jekk jimxi fuq il-passi ta' Kristu li sar bniedem, li għamel lilu nnifsu xejn, u li neżża' lilu nnifsu! Huwa Ġesù umli li jgħaddi mit-triq ifejjaq. Hekk ukoll, kull min hu mibgħut minnu jkollu l-awtorità li jiftaħ il-qlub jekk ikollu dan l-atteġġjament ta' faqar, ta' umiltà."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni,* 7 Frar 2019

*Kemm*
*qed inħalliH*
*lil Alla*
*jinqeda bija*
*biex ifejjaq*
*lill-oħrajn?*

*X'inhu*
*li jagħti*
*awtorità vera*
*lill-kelma*
*ta' fejqan*
*li jiena msejjaħ*
*biex nagħti*
*lil ħaddieħor?*

# Biex jinfetħu l-qlub

Mulej, il-qlub tal-persuni
ma jinfetħux għall-fejqan
permezz ta' nies li iktar jemmnu fil-fanfarunati
milli fik!
Il-qlub tal-persuni
ma jinfetħux għall-fejqan
permezz ta' nies
li iktar jemmnu f'dak li jafu jagħmlu huma
milli fik!
Il-qlub tal-persuni
ma jinfetħux għall-fejqan
permezz ta' nies li iktar jemmnu fil-kapaċità
li għandhom li jipperswadu
milli fik!
Il-qlub tal-persuni jinfetħu biss b'min hu fqir u umli.
Agħtihielna din il-konvinzjoni, Mulej.

## Il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2020

Dawn il-ġrajja kollha
waslu f'widnejn Erodi t-tetrarka
u beda jitħasseb,
għaliex xi wħud
kienu qegħdin jgħidu
li Ġwanni qam mill-imwiet,
waqt li oħrajn qalu
li deher Elija,
u oħrajn
li qam wieħed mill-profeti
tal-imgħoddi.
Iżda Erodi qal:
"Lil Ġwanni qtajtlu rasu;
mela min hu dan
li fuqu
qiegħed nisma' dan kollu?"
U beda jfittex li jarah.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 9, versi 7-9***

# 212

"Ma tistax issir taf b'Ġesù
u ma jinħolqulekx problemi!
Anzi
- u din tista' tinħass
bħala paradoss -
jekk trid li jkollok problema,
għaddi mit-triq
li twasslek biex tagħraf lil Ġesù;
u mbagħad
problemi jinqalgħu kemm trid.
Lil Ġesù qatt ma tista' tagħrfu
b'mod elitista jew b'mod trankwill;
wisq inqas permezz tal-kotba.
Lil Ġesù ssir tafu biss
fil-mixja ta' kuljum tal-ħajja."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 26 Settembru 2013

*Fil-ħajja*
*nisranija*
*xi nfittex:*
*li noqgħod*
*bi kwieti?*

*Lil Kristu*
*nħalliH*
*jisfidani?*

# Bla kwiet

Meta Inti tidħol, Mulej, fil-ħajja ta' xi ħadd
- imqar jekk jisma' bik -
dan ma jistax jibqa' bi kwietu
u qisu ma ltaqa' ma' ħadd:
jew jitħawwad
- u jitħawwad tant
li jista' jagħżel li jkeċċik barra minn ħajtu -
jew jitqanqal fih għatx għal tfittxija serja għalik.
U iktar ma jagħtik spazju fil-ħajja tiegħu,
iktar se jsib ma' xiex iħabbat wiċċu:
għax se jiġi sfidat - għall-ġid veru tiegħu -
biex l-affarijiet iħares lejhom
kif tħares lejhom Int;
biex iħobb bil-kriterji li tagħtih Int;
biex jasal għall-milja ta' ħajtu billi jitlifha, bħalek;
Altru li Inti, lil dak li jkun ma tħallihx kwiet!

## Il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru 2020

Darba, waqt li Ġesù kien qiegħed jitlob waħdu, kien hemm miegħu d-dixxipli tiegħu, u hu staqsiehom: "Min jgħidu n-nies li jien?" Huma weġbuh u qalulu: " Ġwanni l-Battista; oħrajn, Elija; u oħrajn, li qam wieħed mill-profeti tal-imgħoddi." Qalilhom: "Imma intom min tgħidu li jien?" Qabeż Pietru u qallu: "Inti l-Messija ta' Alla." Imbagħad ikkmandahom u qalilhom ħafna biex ma jgħidu lil ħadd b'dan. U qalilhom: "Jeħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna, jiċħduh ix-xjuħ u l-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum iqum."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 9, versi 18-22***

213

"Biex tkun taf lil Ġesù
mhux tistudja fuqu trid
imma li inti jkollok ħajja ta' dixxiplu.
B'dan il-mod, meta nimxu miegħu
nitgħallmu min hu,
nitgħallmu l-għerf tiegħu.
Insiru nafuh
meta niltaqgħu miegħu kuljum,
bir-rebħiet u bid-dgħufijiet tagħna.
Huwa propju permezz ta' dawn
il-laqgħat li aħna nsiru qrib tiegħu u
li nsiru nafuh b'mod iżjed profond.
Għax f'dawn il-laqgħat ta' kuljum
ikollna dak li San Pawl isejjaħlu
'is-sens ta' Kristu'."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 20 Frar 2014

# Is-sens ta' Kristu

*Min hu Kristu għalija?*

*X'jeħtieġ li nagħmel biex nagħraf min hu tabilħaqq?*

Ikolli s-sens tiegħek, Mulej,
meta nagħraf naħli l-ħin miegħek
u Inti taħli l-ħin miegħi;
meta nagħraf noqgħod f'riġlejk
u Inti tħaddanni miegħek;
meta nagħraf niftaħ qalbi miegħek
u Inti turini qalbek;
meta nagħraf nintilef fik
u Inti tintilef fija;
meta nagħraf inħallik takkumpanjani
u Inti tgħaddili l-għerf li għandu jmexxini.
Imbagħad nagħraf tajjeb
Dak li Alla l-Missier ipprovda għalija fiK.
Imbagħad,
bħal Pietru nagħraf tajjeb
li Inti l-Messija ta' Alla.

## Is-Sibt, 26 ta' Settembru 2020

Waqt li kulħadd
kien imnixxef bil-għaġeb
quddiem il-kobor liema bħalu
ta' Alla,
Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Iftħu widnejkom sewwa
għal dawn il-kelmiet:
Bin il-bniedem
għandu jkun mogħti
f'idejn il-bnedmin."
Iżda huma ma fehmuhx
dan il-kliem,
u baqa' mistur għalihom
hekk li ma qabdu xejn minnu,
u beżgħu jistaqsuh
dwar dak li kien qal.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 9, versi 43b-45***

# 214

"Fil-mument tas-suċċess Ġesù jħabbar il-Passjoni tiegħu. Imma d-dixxipli huma tant meħudin mill-klima ta' festa li kliemu ma jifhmuhx u jagħżlu li ma jistaqsuhx. Jippreferu ma jifhmux il-verità. Is-salib kienu jibżgħu minnu. Ġesù nnifsu kien jibża' minnu, iżda ma setax jidħaq bih innifsu. Tant kienet kbira l-biża' tiegħu li lill-Missier talbu biex ibiegħed minnu l-kalċi tal-Passjoni, imma żied jgħidlu wkoll biex tkun magħmula r-rieda Tiegħu. U din tagħmel id-differenza kollha!"

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 28 Settembru 2013

*Jien xi ħadd*
*li dejjem*
*nara kif nagħmel*
*biex is-salib*
*naħarbu?*

*Minn fejn*
*nista' nġib*
*is-saħħa*
*biex inħaddnu*
*verament?*

# Il-biża' mis-salib

Mhux se teħodha bi kbira, Mulej,
meta nistqarrulek b'ħafna sinċerità
li aħna s-salib nibżgħu minnu,
għax Inti wkoll tibża' minnu!
Mhux se tistagħġeb bina
meta nammettu
li t-toqol tiegħu jdarrasna,
għax lilek idarrsek ukoll!
Imma li lilek tħeġġek
biex tħaddan is-salib bil-ferħ
hija l-fiduċja għamja
li Inti għandek f'Alla Missierek
u fir-rieda Tiegħu
li s-salib jagħmlu l-għajn tas-salvazzjoni.
Ħa jkollna din l-istess fiduċja tiegħek.
Ħa jkollna din l-istess tama fis-salib.